3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fis-sens tal-Artikolu 41 tal-Karta.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ir-restrizzjoni tal-portata tad-drittijiet fundamentali permezz ta' nuqqas ta' teħid ta' azzjoni u interpretazzjoni abbużiva konformement mal-Artikoli 52 u 54 tal-Karta.

---

## Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2015 – Wirtschaftsvereinigung Stahl *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-605/15)**

(2016/C 027/80)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Wirtschaftsvereinigung Stahl (Düsseldorf, il-Ġermanja), Benteler Steel/Tube GmbH (Paderborn, il-Ġermanja), BGH Edelstahl Freital GmbH (Freital, il-Ġermanja), BGH Edelstahl Lippendorf GmbH (Lippendorf, il-Ġermanja), BGH Edelstahl Siegen GmbH (Siegen, il-Ġermanja), Buderus Edelstahl GmbH (Wetzlar, il-Ġermanja), ESF Elbe-Stahlwerke Feralpi GmbH (Riesa, il-Ġermanja), Friedr. Lohmann GmbH Werk für Spezial- & Edelstähle (Witten, il-Ġermanja), Outokumpu Nirosta GmbH (Krefeld, il-Ġermanja), Rogesa Roheisengesellschaft Saar mbH (Dillingen, il-Ġermanja), Zentralkokerei Saar GmbH (Dillingen), Drahtwerk St. Ingbert GmbH (St. Ingbert, il-Ġermanja), Ilsenburger Grobblech GmbH (Ilsenburg, il-Ġermanja), ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH (Gelsenkirchen, il-Ġermanja), ThyssenKrupp Federn und Stabilisatoren GmbH (Hagen, il-Ġermanja), ThyssenKrupp Gerlach GmbH (Homburg, il-Ġermanja), ThyssenKrupp Rasselstein GmbH (Andernach, il-Ġermanja) u Emscher Aufbereitung GmbH (Mühlheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Janssen, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1585, tal-25 ta' Novembru 2014, dwar l-iskema ta' għajnuna SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) (implimentata mill-Ġermanja għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli u tal-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija) (notifikata bid-dokument C(2014) 8786) ([1]) tiġi annullata.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għall-motivi invokati fil-Kawża T-319/15, Deutsche Edelstahlwerke vs Il-Kummissjoni ([2]).

([1]) ĠU 2015 L 250, p. 122.
([2]) ĠU 2015 C 302, p. 60.

---

## Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2015 – Repsol vs UASI – Basic (BASIC)

**(Kawża T-609/15)**

(2016/C 027/81)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Repsol, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. Devaureix, avukat)